**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

**KUNSILL LOKALI ĦAMRUN** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 11, it-Tlieta 20 t'Ottubru 2015**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar i-Tlieta 20 t'Ottubru 2015 fis-6.00 filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**<u>Preżenti</u> (Erba' Kunsilliera)**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christian Sammut | Sindku |
| Is-Sur Antonello Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Efrem Buttigieg | Kunsillier |

**Skużati**
Il-Viċi Sindku Vincent Bonello kien skużat minħabba mard. Il-Kunsillier Louise Portelli talbet li tkun skużata minhabba mpenji ta' xogħol u l-kunsillier Jurgen Scicluna talab li jkun skużat minħabba li kien imsiefer.

**<u>Talba</u>**

Is-Sindku, Christian Sammut qal it-talba.

**1 Festival taċ-Ċikkulata**

Is-Sindku rringrazzja l-ħidma tal-erba' membri preżenti tal-ħidma tagħna fl-organizzar tal-Festival. Is-Sindku ppreżenta r-rendikont finanzjarju tal-Income & Expenditure. (kopja annessa)

Is-Sindku fisser li l-għaqdiet se jkunu qed jieħdu ħsieb l-imwejjed u dak kollu meħtieġ għall-armar tal-istands

Is-Sindku fisser li l-Kunsill se jkun qed joħroġ is-somma ta' €6500 mill-fondi tiegħu minkejjal –fatt li l-Kunsill qed joqgħod ħafna attent fl-infiq tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li din l-attivita' se tkun koperta b'polza tal-Assikurazzjoni.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk il-Kunsill hux se jkun qed jikri mobile toilets. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmaw li se jkun hemm iż-żewġ letrini miftuħin għall-pubbliku u għaldaqstant m'hemmx ħtieġa għal mobile toilets.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk il-Kunsill hux se jkun qed jipprovdi servizz ta' ambulanza waqt l-attivita'. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat il-preżenza tal-Ambulanza.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ Buttiġieġ ppreżenta l-Programm għal fuq il-palk ta' Triq il-Ferrovija. Dawn il-kantanti se jkunu qed ikantaw bejn diska u tnejn, b'Gaia Cauchi u Dario Mifsud Bonnici se jkantaw tlett diski.

Is-Sindku nfurma li l-Kappella ta' Nuzzo se tkun miftuħa għall-Pubbliku b'Max Farrugia u Angela Borg se jkunu preżenti jagħmlu *tours* informattivi.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li Sqaq San Gejtanu se jkun armar bi pjanti u cushions, filwaqt li Zammit Cordina se jkun miftuħ bil-Wirja tal-Presepju.

Is-Sindku, nfurma li l-Programm se jkun kif ġej, 7.00p.m. Tibda parata mill-Ħamrun Scouts Group, fit-8.00p.m.Programm Mużikali mill-Banda San Gejtanu u fid-9.00p.m. se jkun hemm Xarulu u wara *Band* oħra se tkun qed iddoqq lejn il-Knisja.

Triq Maitland se jkun hemm esibizzjoni ta' Karozzi Ford u ħdejn l-iscouts se jkun hemm l-istands tal-ikel. Il-Kids Area se tintrama fi Pjazza San Pawl u ħdejn il-Kappella ta' Nuzzo se jkun hemm attivita' mill-Ħamrun Spartans Youth Nursery. Dan kollu minbarra l-istand tal-Benna.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li se jkun hemm żewġ tfajliet lebsin b'kostum u se jkunu qed jiggwidaw lill-pubbliku lejn l-attrazzjonijiet.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat ukoll li din is-sena l-Hobbies Society għandhom esibizzjoni tajba ħafna.

Il-Kunsillier Carmen Borg enfasizzat fuq l-importanza li l-artiġġjani jkunu kollha naħa waħda biex ma jkunx hemm diffikultajiet bla bżonn.

Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti

Is-Sindku nfurma lill-membri li tkellem mal-Kuntrattur tal-Bollards, liema kuntrattur qed jitlob agreement ta' 5 snin. Il-Kunsill evalwa t-talbiet imressqa mill-Kuntrattur u approva dan l-agreement.

**13 Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fis-7.10p.m. bl-aġġornament ikun imħabbar aktar 'l quddiem.

____________________
Christian Sammut
Sindku

____________________
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

____________________
DATA